MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 547/2004

**Albert Mizzi**

**vs**

**Harry Vassallo u Saviour Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-artiklu fis-sbatax –il faccata tal-gurnal "Malta Today", intitolat - "Our cross-eyed Robin Hood" – li tieghu l-konvenuti, l-awtur u l-editur rispettivament, ippubblikaw fil-harga ta' l-10 ta' Ottubru tas-sena 2004, (ara Dokument

immarkat “A”), huwa libelluz, joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur u jesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Illi jhallsu lill-attur dik is-somma li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), u li tigi stabbilita minn din il-Qorti a tenur ta’ l-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat in-nota ta’ l-konvenut Saviour Balzan, datata l-14 ta’ Dicembru tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-attur jrid jiddikjara liema parti ta’ l-artikolu huwa “libelluz, joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur u jesponieh ghad-disprezz tal-publiku”;

2. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost li b’difiza tieghu huwa jrid jipprova li l-artikolu huwa “a fair comment” f’socjeta’ demokratika u huwa bhala editur ghamel id-dover tieghu;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota tal-konvenut Henry Vassallo datata it-22 ta’ Dicembru tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li dak kollu miktub fl-artikolu ndikat fl-avviz jikkostitwixxi “fair comment” dwar persuna pubblika;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda a bazi tal-fatt li ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li bl-ebda mod l-artikolu indikat ma kien intiz li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur kif indikat fl-Artikolu 28 tal-ligi ta’ l-Istampa, (Kapitolu 248);

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-“video” ipprezentat fl-atti odjerni flimkien mal-partijiet indikati fil-verbal datat it-2 ta’ Marzu tas-sena 2005;

Innotat b’dispjacir li wara d-debitu intervent kurjali, il-partijiet esploraw il-possibilita’ ta’ transazzjoni tal-vertenza izda din l-esplorazzjoni sfortunatament ma halliet l-ebda ezitu pozittiv;

Innotat li a bazi ta’ talba tar-rapprezentant legali ta’ l-attur il-partijiet intrabtu li jissottomettu l-pozizzjoni legali taghhom skond il-finalitajiet indikati fil-verbal datat 21 ta’ Frar tas-sena 2006;

Innotat li l-attur espleta dan l-inkarigu tieghu permezz ta’ nota minnu pprezentata fl-24 ta’ Marzu tas-sena 2006;

Innotat finalment li l-perjodu koncess lill-konvenuti ghall-prezentazzjoni tan-nota taghhom kif indikat fil-verbal datat 21 ta’ Frat tas-sena 2006 ghadda inutilment ghalkemm jirrizulta li l-konvenut Vassallo espleta dan l-inkarigu tardivament u din il-qorti tiddikjara li accettatu xorta wahda u haditu in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet taghha;

Rat ukoll ir-rikors tal-konvenut Balzan datat il-5 ta’ Mejju tas-sena 2006, li permezz tieghu informa lill-qorti li kien ippubblika l-izmantita tieghu fil-konfront ta’ l-attur u ane skuza ruhu ghal kull inkonvenjent li seta’ irreka lill-attur minhabba l-artikolu meritu ta’ din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur hassu ingurjat u malafamat mill-artikolu tal-konvenut Harry Vassallo ippubbilakt fil-harga tal-“Malta Today” ta’ l-10 ta’ Ottubru tas-sena 2004 li taghha, l-konvenut Saviour Balzan hu l-editur;

2. Illi l-kliem li bih l-attur hassu hekk umiljat kienu in sintesi parti verament zghira ta' l-istess artikolu li ha faccata shiha ta' l-imsemmi gurnal fejn in sintesi sostna:

a. Illi l-attur kien ir-rapprezentant lokali tal-"Boeing";

b. Illi din is-socjeta' bieghet xi ajruplani lill-"Air Malta";

c. Illi l-gvern kien infurmat sew b'dak kollu li kien qieghed isir u dak kollu li sar kien sar kollu bil-kunsens ta' l-istess gvern;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur jirrizulta li fost affarijiet ohra kien ukoll "chairman" ta' l-"Air Malta" mill-1973 u dam f'din il-kariga ghal madwar ghoxrin (20) sena;

Illi l-attur isostni li meta kien gie mitlub jaghti sehemu fis-settur pubbliku ma ried l-ebda kumpens hlief l-uzu ta' karozza;

Illi rigward ix-xiri ta' ajruplani mill-"Air Malta" isostni li meta din is-socjeta' tigi biex taghmel attivita' mpenjattiva bhal din ikun hemm " team" specjalizzat apposta li jeffettwa l-valutazzjonijiet mehtiega li eventwalment jigu pprezentati lill-Bord tad-Diretturi li minn naha tieghu finalment jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-gvern;

Illi meta l-gvern janalizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet jaghti d-direzzjoni li hu jidhirlu xierqa;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur isostni li f'dawn it-tip ta' negozjati hu kien jintervjeni biss fl-ahhar fazijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi jsostni b'determinazzjoni li qatt ma kien rapprezentant tas-socjeta' "Boeing";

Illi l-konvenut artikolista Vassallo ma kienx ikkuntattjah biex jivverifika dan il-fatt qabel ma ppubblikah;

Illi l-attur isostni b'fermezza wkoll li anke fl-istess intervista li taghha gie anke ipprezentat "video" fl-atti ta' din il-procedura, hu kien ukoll sostna bil-qawwa kollha li din l-allegazzjoni, ( li hu qatt kien rapprezentant tal-"Boeing"), m'hix minnha;

Illi di piu' isostni wkoll li qatt ma gew xi rapprezentanti tal-"Boeing" ikellmuh;

Illi meta effettivament l-"Air Malta" xtrat ajruplani meta kienet preseduta mill-attur, dan sar wara li l-istess socjeta' inghatat il-fiat specifiku u dirett biex taghmel dan mill-gvern;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Vassallo jsostni minn naha l-ohra li kien sorpriz b'din il-kawza;

Illi l-istess konvenut isostni li s-sors tal-parti nkriminanti ta' l-artikolu de quo kienet mehuda minn intervista li l-istess attur kien ippresta lill-gurnalist lokali liema intervista kienet ukoll imxandra fuq stazzjon televiziv lokali, fejn l-istess konvenut kien biss qieghed jirriproduci l-impressjoni li hu kellu ta' l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-vertenza odjerna hi naxxenti minn impressjoni odjerna li l-awtur konvenut seta' kellu tas-sitwazzjoni in dizamina;

Illi gurnalist serju ghandu jkun ferm attent li jevita dawn it-tipi ta' ntoppi li jista' jsib ruhu fihom inutilment minn zmien ghal zmien;

Illi ghandu jkun ovvju li impressjoni ta’ xi haga tista’ tkun ferm ‘il boghod mir-realta’ ta’ l-istess;

Illi ghandu jkun ovvju wkoll li tali mpressjoni ghandha tigi vverifikata qabel tigi sostenuta;

Illi ghalhekk, la l-artikolist konvenut ghazel li jipprecipita u ma jivverifikax qabel jippubblika allura jkun hu stess li qed jistieden il-konsegwenzi naxxenti mill-ligi f’okkazjonijiet bhal dawn;

Ikkunsidrat:

Illi l-prudenza gurnalistika tipprezumi dekors differenti u din il-qorti tawspika li dan il-monitu jigi karpit kif jixraq biex jigu evitati hafna ugiegh il-qalb inutili;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-analizi tal-fatti kif fuq espost din il-kwistjoni kienet facilment tisfuma fix-xejn li kieku precedentement saru l-verifiki necessarji bis-serjeta’;

Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-kliem miktub mill-konvenut Harry Vassallo u ppubblikat mill-konvenut Saviour Balzan: “ … he had also … sa … Wow!”, kontenuti fit-tielet paragrafu ta’ l-artikolu intitolat “Our cross-eyed Robin Hood” fil-“Malta Today” ta’ l-10 ta’ Ottubru tas-sena 2004, hu libelluz fil-konfront ta’ l-attur Albert Mizzi;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismiejiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et tal-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

“ Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi rigali bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ LM2000”, (liema limitu gie issa estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Illi in vista tal-premess, bil-ghan li fi trasparenza, jigu stabbiliti kriterji bbazati fuq il-principju tac-certezza tad-dritt li gie kompletament abbandunat fir-redazzjoni ta’ din il-parti tal-ligi ta’ l-Istampa, din il-qorti qed tissottolinea:

a. Illi l-fatt allegat mill-artikolist konvenut fil-konfront ta’ l-attur mhux minnu;

b. Illi l-artikolist, naqas jaghmel il-verifika li l-prudenza tiddetta;

c. Illi l-attur, ghalkemm kien qed jippresjedi azzjenda pubblika pero’ ma jistax jinghad li hu persunagg pubbliku;

d. Illi din il-qorti tat l-opportunita’ lill-partijiet biex jitransigu izda l-intransigenza issuperat kwalunkwe tentattiv ta’ risoluzzjoni pacifika tal-vertenza;

e. Illi l-konvenut editur, Saviour balzan, ippubblika zmentita u skuza ruhu pubblikament fil-konfront ta’ l-attur;

4. Tikkundanna lill-konvenut Harry Vassallo biex ihallas lill-attur Albert Mizzi l-ammont ta’ tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), u lill-konvenut Saviour Balzan biex ihallas lill-attur albert Mizzi l-ammont ta’ mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), bl-ispejjez ta’ din il-procedura ikunu a karigu tal-konvenut Harry Vassallo.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------